MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1578/2001/1

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' April 1985 u ghandhom zewgt itfal minuri, D li twieldet fis-17 ta' Gunju 1988, u E li twieldet fit-28 ta' JDar, 1991.

Billi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibli stante li l-konvenuta rrendiet ruhha kolpevoli versu l-attur

ta' swat, sevizzi, eccessi, theddid, ingurji gravi u abbandun.

Billi l-attur qed jipprevalixxi ruhu mid-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (digriet numru 1197/01) biex jipprocedi b' din l-istanza.

Billi minhabba l-problemi gravi f' sahhitha mhux biss il-konvenuta m' hijix idoneja u kapaci biex tigi fdata bil-kustodja u bit-trobbija tal-minuri, specjalment f' perjodu tant delikat tat-trobbija taghhom, izda jibqa' dejjem ir-riskju serju li tkun ta' periklu ghalihom.

Billi b' konswegwenza tas-separazzjoni hemm il-htiega li tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Tghid il-konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet fuq indikati:

1. M' ghandhiex tigi minn din il-Qorti pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba t-tortijiet fuq imsemmija tal-konvenuta;

2. M' ghandhiex tigi assenjata lill-attur il-kustodja u l-kura tal-minuri D u E ahwa De Gaetano;

3. Tapplika kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 (1) (a) u (d) tal-Kodici Civili;

4. M' ghandhiex tigi dikjarata xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u bl-ingunzjoni lill-konvenuta biex tidher personalment ghas-subizzjoni u b' riserva ta' kull dritt u azzjoni tal-attur kontra l-konvenuta li jitlob, inter alia, l-Dullament ta' l-istess zwieg quddiem il-Qorti jew tribunal kompetenti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta, wara li eccepiet eccezzjoni preliminari bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 793[1] tal-Kap.12, eccepiet ukoll li subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel

eccezzjoni, filwaqt illi l-eccipjenti ma topponix is-separazzjoni mill-attur u t-terminazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, mhux ghar-ragunijiet migjuba mill-attur f' din il-kawza izda ghal ragunijiet minnha migjuba fil-fuq imsemmija kawza minnha intavolata kontra l-attur, hija topponi ghat-tieni talba attrici ghaliex ikun fl-interess suprem ta' l-imsemmija minuri li dawn jigu fdati fil-kura u kustodja tal-konvenuta u topponi ghat-tielet talba attrici ghaliex is-separazzjoni trid issehh htija tal-attur odjern u mhux htija tal-konvenuta u fi kwalsiasi kaz, m' hemm ic-cirkostanzi mehtiega biex jigu applikati id-dekadenzi kontemplati fl-artikolu citat kontra l-konvenuta.

Rat ir-rapporti tal-Perit David Pace u tal-Perit Stimatur Joseph Sammut;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi u l-affidavits prezentati, kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat is-sentenzi moghtija mit-tribunali ekklezjastici li bihom iz-zwieg bejn il-partijiet gie dikjarat null;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja konjugali bejniethom saret impossibbli ghar-ragunijiet unikament attribwibbli lill-konvenuta, kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; qed jitlob ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta tichad dak attribwit lilha, u timputah lill-istess attur; u fil-kawza numru 1665/01NC li nstemghet kontestwalment mal-kawza odjerna, hija

tattribwixxi t-tort lill-attur ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 fuq citat.

Illi permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal Metropolitan fit-28 Gunju 2006, konfermata mit-Tribunal Regjonali tat-II Istana fit-30 Lulju 2007,u registrati b' digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Dicembru 2007 iz-zwieg bejn il-partijet gie dikjarat null ghan-nuqqasijiet unikament attribwibbli lill-attur.

Illi, ghalkemm illum ma hemmx lok ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li llum zwieg m' hemmx, izda l-effetti ta' zwieg validu ghadhom jissussistu bejn il-partijiet, stante li, kif ser jigi muri aktar il-quddiem, ma rrizultax li xi parti kienet in mala fede fil-kontrattazzjoni taz-zwieg.[1]

Ghalhekk, gjaladarba hemm komunjoni tal-akkwisti li ghad trid tigi likwidata u assenjata, allura dan ghandu jsehh skond id-disposizzjonijiet tal-ligi kollha li jirregolaw din il-komunjoni, fosthom l-Artikolu 48[1][c] tal-Kap.16. Fi kliem iehor din il-Qorti ghandha l-kompitu li tezamina l-provi dwar is-separazzjoni, u tasal ghall-htija ghall-istess, biex imbaghad tidditermina jekk dik il-htija hijiex tali li tattira l-applikazzjoni ta' l-artikolu precitat; multo magis f' dan il-kaz fejn il-konvenuta qed tressaq il-pretensjoni li d-dar konjugali tigi assenjata kollha lilha.[2]

Kaz analagu huwa kontemplat fl-artikolu 43 tal-Kap.16 li jiddisponi li l-mewt ta' wahda mill-partijiet toqtol l-azzjoni tas-separazzjoni, "hlief fil-kaz li fih is-sentenza tal-firda jista' jkollha l-effetti msemmija fl-artikoli 48 sa 52 inkluzivament."

---

[1] Vide – Art.20 Kpa,255 – ***App. Marthese Xuereb vs Anthony Bezzina [29.05.1998]*** u Qorti tal-Familja. ***Maryrose Tabone vs Anthony Stellini [31..01.2008]***

[2] Vide - ***App.2384/1997 – Pier Girogio Buttigieg vs Cheryl Buttigieg – 29.04.2005*** *-F' dan il-kaz il-Qorti ta' l-Appell, wara li ezaminat il-fatti, tat decizjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48, nonostante li z-zwieg gie dikjarat null fil-mori ta' l-appell, izda fid-decide astjeniet milli tippronunzja s-separazzjoni personali minhabba li z-zwieg kien gie dikjarat null.*

**Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ April 1985, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, D u E, fis-17 ta’ Gunju 1988 u fit-28 ta’ JDar 1991. Minhabba inkwiet matrimonjali, il-konvenuta fl-24 Awissu 1999 telqet mid-dar konjugali, flimkien maz-zewg ulied minuri tal-partijiet, u marret tghix ghal sentejn mal-genituri taghha; izda eventwalment regghet marret lura tghix fid-dar konjugali [Villa Belvedere], filwaqt li l-attur, flimkien mat-tfal minuri, reggha mar jghix fil-fond konjugali precedenti [Alfger Court].

*Verzjoni Attur*

L-attur jghid[3] li wara z-zwieg il-konvenuta bdiet tbati minn attakki dipressivi. u jsostni li *“gradwalment il-konvenuta bdiet turi sintomi ta’ mard mentali, b’ sensiela ta’ breakdowns u attakki ta’ depressions li kienu jdumu daqqa gimghatejn, anke xaharejn”* tant li kellhom idhahhlu helper MC biex tghinha.

Jghid ukoll li meta t-tifla l-kbira tal-partijiet kellha circa seba’ snin, il-konvenuta kienet issawwatha u thawwal fiha ta’ l-istat li kienet tkun fih. Jghid li lilu kienet tghajru fallut, bil-guh u marid, u okkazzjonalment kienet tidhol fuqu bil-lejl u ssawtu fizikament. Isemmi ncident meta, hekk kif darba hu dahal fil-kcina l-konvenuta hebbet ghalih b’ sikkina. Mix-xhieda tal-helper MC jirrizulta li dan kien dahal ikanta fil-kcina[4], liema ncident wassal lill-konvenuta titlaq bit-tfal mid-dar konjugali.

Maz-zmien, meta l-partijiet kienu marru jghix go Villa Belvedere, hija kienet tagixxi b’ tali mod bl-iskop li taljena lit-tfal mill-attur, u ma thallix lit-tfal ikollhom kuntatt mieghu.

L-attur jichad li hu kien risponsabbli ghall-attakki dipressivi tal-konvenuta, u jakkuza lill-genituri tal-konvenuta li huma

[3] Affidavit fol.54 *et seq.*
[4] Affidavit fol.60

hbew minnu l-fatt allegat minnu li l-konvenuta sa minn qabel iz-zwieg kienet marida mentalment.

Jghid li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenuta ghamlet erba tentattivi ta' suwicidju.

Il-verzjoni ta' l-attur issib sostenn fl-affidavit tal-helper MC, u grad zghir ta' konfort fix-xhieda ta' missieru li, fost affarijiet ohra, jghid li hu kien qal lill-missier il-konvenuta, li hu ma kien x' ser jikkontribwixxi xejn ghall-kostruzzjoni tal-Villa, stante li anke f' dak l-istadju kien jidher car li z-zwieg kien tfarrak.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tghid[5] li meta hija, allura teenager, kienet hassret l-gherusija ta' tlett snin ma' l-gharus precedenti taghha, hija kienet verament dispjacuta u mdejqa u kienet ghaddejja minn perijodu difficli; izda *"f' anqas minn gimgha beda jissikkani l-attur biex nohrog mieghu …. kien insistenti ghall-ahhar."* Eventwalment hija bdiet tohrog ma' l-attur u beda jhossha tajba mieghu, bir-rizultat li kompliet bir-relazzjoni, itgharrsu, u wara, zzewgu.

Il-konvenuta tghid li, fl-istadju nizjali taz-zwieg, hija ndunat li l-attur, allura zewgha, kien skuntent bix-xoghol li kien jaghmel, u kien isemmi maghha u ma' ommha li hu xtaq jiftah negozju ghal rasu. Wara ftit, il-genituri tal-konvenuta krewlu l-hanut "Connoisseur", u ommha kienet taghtih affarijiet antiki minn taghha biex tghinu jibda negozju ta' l-antikitajiet.

Tghid li, f' inqas minn xahar miz-zwieg, l-attur beda jitkellem fuq il-bejgh tad-dar f' San Giljan li kienet tal-genituri tal-konvenuta u li dawn kellhom il-hsieb li jiddonaw lil binthom sabiex isservi bhala d-dar konjugali li kieku zzewget l-gharus precedenti taghha. Il-konventua tispjega li *"[l-attur] dam hames snin jaghmel pressjoni fuqi. Kien qabad jghajjarni. Tant ghamel pressjoni fuqi u fuq il-papa' tieghi li ma flahnhiehx izjed, u fi sforz biex inzommu*

[5] Affidavit – fol.168

*l-kwiet accettajna li nbieghu"*[6] wara li missier il-konvenuta ddona dan il-fond lil bintu. Il-konvenuta tghid li l-attur *"kien izomm kollox f'idejh inkluzi l-affarijiet personali tieghi bhal gojjellerija li ghadhom f' idejh sa llum."*

Tghid li meta hi ghaddiet mit-trawma ta' l-ewwel tqala' hi ma kellha ebda appogg minn zewgha, la emozzjonali u lanqas mill-lat prattiku. Tghid li maz-zmien l-attur beda jkun negattiv, u aggressiv fil-konfront taghha u tal-familja taghha. *"Kien imaqdar kull ma jaghtuni. Kien jghid li l-mobbli u pitturi antiki li kienu jaghtuni kienu 'rubbish'."* Kien jiehu l-mobbli taghha, u *"qatt ma rgajt rajthom jew ir-rikavat taghhom."* Kull xahar kien jaqbad xi haga minn taghha u kien ibighha kontra l-volonta' espressa taghha jew ad insaputa taghha.

Tghid li matul il-konvivenza, l-attur kien jhalliha nieqsa mill-flus; kien jaghtiha LM50 kull xahar biex tghaddi bihom, u ghalhekk kien ikollha tiddejjen biex tixtri l-bzonnijiet ta' kuljum; imbaghad jigi missierha u jaghtiha l-flus biex thallas dejn.

Tghid li *"ix-xenati d-dar bdew isiru aktar u aktar ta' spiss [u] kien qed ihossni ghajjiena u taht stress u tensjoni kbira. Ghalhekk wara tmien snin taz-zwieg ikkonsultat mat-tabib Cecil Paris li kkonferma li hi ma' kellha proprju xejn hlief pressjoni u stress"*.

Tghid li *"Kont nghaddi minn perijodi verament hziena, u [l-attur] flok jghini kien aktar jaghmel biex ikissirni. F' dawn il-mumenti A kien aktar iebes. Kien jghidli, quddiem is-seftura MD 'trid parir minghandi, jekk xbajt ghandek ghazla: quddiemna hemm il-Preluna tista' tmur taqbez minn hemm, u jekk hemm mhux gholi bizzejjed tista' tmur Dingli Cliffs."*[7]

Tghid li lejn l-ahhar tal-konvivenza, beda johloq incidenti u jiffrustrani. Ix-xenati u l-ghajjat kwazi kuljum, sakemm fl-ahhar kienet kostretta li titlaq bit-tfal mid-dar konjugali.

---

[6] Vol.1 – Fol.171
[7] Vol.1 – Fol.175

Il-konvenuta tichad dak li qalet il-helper MC fl-affidavit taghha, u tghid li din hija kugina tal-konvenut, u li wara s-separazzjoni de facto hija, li kienet tircevi salarju minghand missier l-istess konvenuta, kienet tkecciet. Tghid ukoll li *"Naf li kien hemm xi affarijiet personali tieghi li kienu gew neqsin, pero meta jiena kkonfrontajtha fuqhom, hija kienet qaltli li kienet ser iggibhomli kif fil-fatt ghamlet."*[8]

Il-konvenuta tinnega l-mard mentali allegat mill-attur fil-konfront taghha, u li hi ghamlet erba' tenttivi ta' suwicidju.[9]

Illi l-verzjoni tal-konvenuta ssib konfort qawwi fix-xhieda ta' missierha, u anke tas-seftura MD.

Fl-affidavit tieghu[10], missier il-konvenuta, jghid li meta spiccat l-gherusija ma' l-gharus precedenti taghha, li kienet ilha sejra ghal xi zmien, bintu kienet iddispjacuta hafna u kienet imbikkma; kien hemm episodji ta' bini u nsomnia. Kien irrefera lil habib tieghu Dr.Joseph Pisani, u l-ispejcjalista barrani kien qallhom biex tinghatax pilloli, izda tinghata counselling.

Gradatament il-konvenuta rripristinat ruhha, u l-hbiberija taghha ma' l-attur kienet ta' gid ghaliha. Izda "xhur wara" l-attur, fil-prezenza tal-konvenuta, kien semmielu l-idea ta' gherusija; u f' dak iz-zmien *"ghidtlu li ma kellix oggezzjoni, izda li ma kienx hemm lok li jigru f'dawn l-affarijiet, u li setghu "take their time."*

Ix-xhud jghid li fl-ewwel snin taz-zwieg il-partijiet kienu jidhru kuntenti, kienu jmorru ghandhom regolarment u fil-hdud kienu jippranzaw maghhom. Izda, wara t-twelid tat-tieni wild fis-sena 1999 *"bdejt nosserva li l-atteggjament ta' l-attur beda jinbidlel…….Kont nara li l-atteggjament ta' [l-attur] lejn [il-konvenuta] kien hazin. Meta kont inkellimha fuq it-telefon kont nisimghu jghajjarha li hi*

[8] Vol.3 – Fol.747
[9] Vol.1 – Fol125
[10] Vol.1 – fos.179 *et seq.*

*mignuna u stupida u jkellimha hazin. Anke quddiemi kien jittrattaha b'mod goff."*[11]

Jghid li l-mod hazin li l-attur kien jittratta lill-konvenuta kien qed jaffettwaha. *"Kont naraha sikwit imbikkma. Kellu lsienu jaqta' fil-kummenti li jaghmlilha……Saret drawwa tieghu li jinsulentaha u jghajjarha stupida u mignuna u jirridikolaha quddiem terzi. Dawn l-affarijiet kienu kontinwi. Kien hemm okkazzjonijet, anke f' riceviment [fejn kont vicin jien] li hbiebhom bdew isiktuh"*[12]

Fil-bidu tas-snin disghinijiet il-konvenuta kienet tidher ghajjiena, kellha problema ta' insomnia u kienet qed tiehu pilloli ta' l-irqad. L-attur *"kien jinkwetani ghaliex meta l-konventua tkun thossha 'down' minnflokli jkun ta'support u jghinha, ikompli jniggizaha u jinsultaha fil-privat u fil-pubbliku."*[13] *"Waqt il-glied spiss kienet iccempilli anke tard filghaxija, u kont immur biex nipprova nikkwieta l-affarijiet. Hu baqa' jinsulentaha u jniggizaha."* Jghid li *"kien hemm incidenti ohra meta kien idejjaqha billi joqghod ikanta u jkompli jkanta avvolja ssiktu. Gieli kont prezenti f'dawn l-incidenti."*[14] Lill-konvenuta kien jghidilha li *"she is not a good mother, li hija marida. Kien dejjem jipprova jwaqqahha down, specjalment quddiemi."*[15]

Is-seftura MD[16] li damet mal-partijiet seba' snin u nofs mill-bidu taz-zwieg, tikkonferma li l-partijiet ta' spiss kien ikollhom argumenti quddiemha, fejn l-attur jibda jghajjar lill-konvenuta bil kliem dispregjattiv, filwaqt li minn naha taghha l-konvenuta ma kinitx tirreagixxi ghal dawn l-insulti, anzi kienet toqghod bi kwieta u tibki.

Kuntrarjament ghal dak li sostna l-attur u x-xhud tieghu, din tghid li *"jiena lill-[konventua] giela rajtha down u weak, mitfugha fuq sodda, pero' qatt ma rajtha titgerbeb fl-art u*

[11] Vol.1 – Fosl.182 u 184
[12] Vol.1 – Fols.185-186
[13] Vol.1 – Fol.191
[14] Vol.1 – Fol.193
[15] Vol.3 – Fol.674
[16] Vol.3 – Fol.642

*taghmel dawn il-kummiedji. Jiena qatt ma' rajtha mitlufa minn sensiha."*[17]

Tikkonferma li l-attur kien ihalli lill-konvenuta nieqsa mill-flus, u li ghalhekk din kienet tiddejjen.

**Personalita' tal-Partijiet**

Illi l-attur jattribwixxi t-tkissir taz-zwieg tieghu ghall-mard mentali tal-konvenuta, u li skond hu kien jissussist qabel iz-zwieg, u li l-krituri tal-konvenuta ma kienu gharrfuh b' dan. Minn naha taghha l-konvenuta tghid li kull ma kellha qabel iz-zwieg kien dwejjaq kbar minhabba li kienet intemmet l-gherusija taghha mal-gharus precdenti.

Fir-rigward huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet fattwali.

Illi l-espert psikologa nkarigata mit-tribunal ekklesjastika, wara li ezaminat liz-zewg partijiet, tghid li *"[defendant] is a very soft and happy person. She is very creative, generous and kind hearted. She loves easily. Indeed the evidence points to a personality that is capable of entering a loving relationship, and one that is also vulnerable to being easily influenced, manipulated and even abused. In my professional opinion, [defendant] in fact has the necessary aptitude and psychological framework to sustain a long-lasting relationship with the right person."*[18]

Il-Qorti tosserva li din l-istampa pozittiva ta' l-istat mentali tal-konvenuta hija konfacenti ma' dak li qalet il-Psikoterapista Dottoressa Joan Camilleri fir-rapport ex parte taghha, fejn ukoll izzid li *"she does not like to quarrel and attempts to avoid confrontation at all costs. She asks very little of others and attempts to reconciliate at all costs."*[19]

Jinghad li, ghalkemm fix-xhieda tieghu, il-Konsulent Psikjatra Dottor Joseph Pisani jghid li hu kien ezamina lill-konvenuta, fuq talba ta' missierha, meta hi kienet ghadha

[17] Vol.3 – Fol.658
[18] Vol.2 – Fol.429
[19] Vol.3- Fol.689

teenager u f' dak iz-zmien kien ikkonstata li kienet qed tbati minn major depression, huwa spjega li *"ridt infisser li l-istat taghha u l-komportament taghha tas-soltu tbiddel ghal kollox fis-sens li minn bniedma outgoing dahlet f' qoxritha."* Fl-istess depozizzjoni jghid li *"jiena llum il-gurnata m'ghandhiex records fuq dan il-kaz, u qed niccita mill-memorja, u l-memorja tista' tkun fallaci."*[20]

Illi dwar l-ezami kliniku li l-psikolaga nkarigata mit-tribunal ekklezjasitu ghamlet dwar l-attur, din tghid: *"His Histrionic disorder, as well as Narciccistic traits, were seen to be a very significant factor in disabling him from attaining a meaningful intimate relationship with others, and life, which is that of building, sustaining and maintaining an intimate relationship with his wife, most importantly with his marriage partner."*[21]

Illi t-tribunali ekklesjastici strahu fuq ir-rapport tal-psikologu nkarikat minn Qorti ta' l-ewwel istanza, u ddikjaraw null iz-zwieg, unikament minhabba nuqqasijiet fil-personalita' ta' l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attur jibbaza l-kaz tieghu fuq vjolezna fizika u psikologika ezercitata fuqu minn martu matul il-konvivenza, rizultat tal-fatt allegat minnu li martu kienet marida mentalment. Minn naha taghha l-konvenuta tichad dan, u tibbaza l-tezi taghha fuq vjolenza psikologika ezercitata fuqha minn zewgha tul il-konvivenza kollha, tant li meta ma felhitx aktar hija kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali u tmur tghix ghal zi zmien mal-genituri taghha.

Illi fir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi, ghalkemm l-attur jallega mard mentali da parti tal-konvenuta, huwa ma ressaqx provi sufficjenti in sostenn

[20] Vol.3 – Fol.589
[21] Vol.2 – Fol.442

ta' din l-allegazzjoni. Lanqas talab ghal nomina mill-Qorti ta' espert mediku sabiex jezamina lill-konvenuta biex jipprova jsostni tali allegazzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti ser tistrieh fuq ir-rapport ex parte tal-Psikoterapista Dottor Joan Camilleri, kif ukoll fuq ir-rapport tal-psikologu nominat mit-tribunal ekklesjastiku u li fuqu bbaza d-decizjoni tieghu, li huma konformi fil-konkluzjoni li ma kienx hemm xejn li juri li fil-mument taz-zwieg il-konvenuta kienet marida mentalment. Minn naha taghhom it-tribunali ekklesjastici jattribwixxu nuqqasijiet fil-personalita' ta' l-attur li vvizjaw il-kunsens matrimonjali taghhom.

Ghalhekk l-allegazzjoni maghmula mill-attur li hu kien gie ngDat b' xi mod biex jizzewweg lill-konvenuta hija fiergha u ma taghmilx giegh lill-istess attur; multo magis fid-dawl tal-fatt li kien hu li ppersista biex johrog mal-konvenuta wara li din kienet ghadha tbati mill-effetti tat-thassir tal-gherusija taghha u kien hu li kien mghaggel biex jitgharras lill-konvenuta, tant li missierha kien issurgerilu *"to take time."*

[2] Illi, anke jekk dato non concesso, il-konvenuta kienet marida mentalment qabel iz-zwieg, ir-rimedju li kellu l-attur kien dak li jstitwixxi proceduri biex jigi Dullat iz-zwieg; u jekk dan 'il mard' zviluppa wara z-zwieg, u ma felahx jghix izjed maghha, allura kellu jiehu s-suggeriment ta' missier-il konvenuta li jisseparaw de facto ghal ftit zmien billi jmur jghix fl-appartament Qui-si sana fejn il-partijiet kienu jghixu qabel.

Izda zgur li ma kienx gustifikat l-attur li jinfexx f' komportament abbusiv fil-konfront ta' martu li permezz tieghu dina tkissret mentalment.

Illi inoltre, il-mard ta' wiehed mill-konjugi mhuwiex raguni valida ghas-separazzjoni, anzi jiskatta l-obbligu legali[22] tal-konjugi l-iehor li jaghti l-appogg tieghu kemm morali kif ukoll materjali.

[22] Art.2 – Kap.16

[3] Illi l-Qorti taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta, stante li din hija konfermata mill-prepondernza tal-provi, partikolament minn missier il-konvenuta, li kien attiv hafna fl-ghajnuna li kien jghati lill-partijiet, kemm morali kif ukoll finanzjarja, kif ukoll mix-xhieda tax-xhud newtrali MD li damet tahdem mal-partijiet ghal circa seba' snin u nofs, u li telqet ghax ma felhitx izjed ghall-inkwiet matrimonjali taghhom.

Minn naha tieghu l-attur ressaq l-affidavit ta' missieru, u tal-helper MC. Fir-rigward il-Qorti tosserva li, peress li skond missieru, l-attur ma kien jghid xejn lill-genituri tieghu, ghalhekk, ftit li xejn, kwazi xejn, seta' jixhed fuq affarijiet li jaf hu personalment; filwaqt li l-helper MC ghandha l-kredibilita' taghha mdghajjfa tenut kont li din hi l-kugina ta' l-attur, u kienet eventwalment twaqqfet mix-xoghol taghha, peress li kienet ghazlet li taqdi lill-attur, u mhux lill-konvenuta, meta kien missier il-konvenuta li kien jhallasha.

Illi fil-fehema tal-Qorti, u mill-assjem tal-provi, jirrizulta li wara xi zmien fiz-zwieg, l-attur iddejjaq minn martu u beda jinfexx f' komportament abuziv fil-konfront taghha, konsistenti f' tghajjir li jwegga' l-qalb, umiljaha anke fil-prezenza ta' terzi, u jgib ruhu b' mod provokattiv, bir-rizultat li l-konvenuta kienet kontinwament thossha that pressjoni u stress kbir minhabba dan l-agir ta' zewgha. Barra minnhekk huwa kien hada drawwa li jiehu xi affarijiet tal-konvenuta, donati lilha mill-genituri taghha, u jddisponi minnhom minghajr il-kunsens taghha, jew addirittura kontra l-kunsens taghha; u minn fuq kien jinfexx fi tmaqdir tal-genituri taghha, u jghid li l-affarijiet kienu 'rubbish'. Dan il-komportament da parti ta' l-attur, ezercitat ripetutament u fuq bazi abitwali, jikkwalifika bhala sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 stante li rrenda nsapportabbli ghall-konvenuta l-konvivenza ma' l-attur; u kien f' din is-sitwazzjoni li l-konvenuta kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali, liema fatt allura jinnewtralizza l-imputazzjoni ta' abbandun da parti taghha.

Illi rigward l-allegazzjoni ta' l-attur li martu kienet issawtu fizikament, il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni ma tirrizultax provata; u ghal dak li jirrigward l-incident tas-sikkina, il-provi juru li kien l-attur li bil-komportament tieghu kien jipprovoka lil martu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irriemdjabbilment unikament tort ta' l-attur fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16, u li l-komportament abbuziv tieghu fil-konfront tal-konvenuta huwa tali li ghandu jattira s-sanzjonijiet kontemplata fl-artikolu 48
tal-Kap.16

**Kura u Kustodja**

Illum anke dan il-kap huwa sorvolat, stante li ulied il-partijiet huma maggjorenni.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

**[1] Villa Belvedere – Transfiguration Avenue, Lija**

Illi permezz ta' kuntratt[23] ippubblikat fl-atti tan- Nutar Gerald Zammit Maempel fil-21 ta' Gunju 1991, missier il-konvenuta, kien ikkonceda lill-attur, allura mizzewweg lill-bintu, b' titolu ta' emfitewsi perpetwa, bicca art sabiex fuqha tinbena d-dar konjugali, versu c-cens ta' LM500 [illum €1165 ], li llum, wara l-bejgh ta' parti mill-arti gie ridott ghall-ammont ta' LM244.83.[24]

Il-koncessjoni emfitewtika tkopri dik il-parti tat-territorju li jidher fuq il-pjanta a fol.321[25] tal-process, u li mhijiex markata bin-numri 1-2-3-4 u bl-ittri ABCD; kopja ta' din il-pjanta qieghda tigi Dessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A]. Fuq il-parti koncessa, inbniet id-dar konjugali tal-partijiet, li giet valutata mill-Perit David Pace fl-ammont ta' €1,750,767.[26]

[23] Vol.2 – Fol.259
[24] Vol.2 – Perit Joseph Sapienza – Fol.280
[25] Vol.2 - 321
[26] Vol.4 – vide rapport Perit David Pace – fols.936 *et seq*, u xhieda tieghu –fols.910 *et seq*; u fols.928 *et seq*.

Sussegwentement saru xogholijiet mill-partijiet fuq dik il-parti markata bin-numri 1-2-3-4 li hija barra mill-koncessessjoni emfitewtika. Fir-rigward, l-attur qed jsostni l-accessjoni ta' din il-bicca art, mal-proprjeta' koncessa lilu, izda fl-istess waqt isostni li din il-Qorti, adita minnu biex tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti, m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tiddeciedi dan il-punt bazat fuq l-artikolu 571 tal-Kodici Civili. Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li din l-art mhijiex tal-partijiet, izda tappartjeni lill-missierha, u ghalhekk ma tifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

In propozitu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

Illi hi l-funzjoni ta' din il-Qorti, bhala Qorti Civili [Sezzjoni], li tillikwida l-proprjeta' tal-komunjoni bl-iskop li tassenjaha lill-partijiet skond il-ligi; u ghalhekk il-Qorti ghandha tidditermina, sa fejn possibbli, u fuq il-provi akkwiziti, il-parametri tal-patrimonju li ser tigi spartit. Dan ifisser ukoll li, jekk jirrizulta manifest, li proprjeta' ndikata minn parti ma tkunx tal-komunjoni, imma tkun ta' terzi, allura din il-Qorti ma tistax tqis dik il-proprjeta' bhala formanti parti mill-komunjoni u taqsamha bejn il-partijiet, ghax dak li l-Qorti trid tassenja lill-partijiet hija l-proprjeta' taghhom, u mhux il-proprejta' ta' terzi.

Ghalhekk fil-kaz in dizamina, fejn jirrizulta b' mod manifest li l-proprjeta' markata bin-numri 1-2-3-4 fuq l-imsemmija pjanta, ma tappartjenix lill-komunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti ghandha d-dmir li tippronunzja ruhha fuq daqshekk; ghax altrimenti ma tkunx qed tagixxi fil-parametri tal-ligi billi tkun qed tiddisponi minn proprjeta' ta' terzi mhux parti fil-kawza.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta car u manifest li meta l-partijiet ghamlu x-xogholijiet barra minn dik il-parti koncessa lilhom in emfitewsi, huma kienu ben konsapevoli ta' dan. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-Perit Joseph Sapienza li kien inkarigat mid-direzzjoni tax-xogholijiet fejn jghid: "man man li beda jitwettaq l-izvilupp infirex ghal fuq proprjeta' adjacenti tal-partijiet li pero ma kinitx taghhom. <u>Jiena kemm-il darba ghidt lill-attur b' din</u>

il-kwistjoni u kien jghidli li din mhix problema, u cioe' li setghu jiehdu din l-art. Anke JoDa kienet tghidli hekk. Il-Profs [missier-il konvenuta] pero' meta kont kellimtu jien, wara li fil-fatt kienet lehqet ittiehdet l-art zejda, kien qalli li hu qatt ma awtorizza lil hadd biex jiehu din l-art."[27] Fl-affidavit tieghu missier il-konvenuta jghid li, meta l-Perit Sapienza kien qallu bl-estensjoni tax-xogholijiet u li l-partijiet kienu qalulu li hu kien ta' l-kunsens tieghu, *"jien immedjatament chadt dan u spjegajtlu [lill-Perit] li C kienet talbitni biex natihom bicca art ohra, u li jien kont irrifjutat kategorikament ghaliex kellhom 'bahar' ta' plot."*[28]

Minn dan jirrizutla car li, meta l-partijiet invadew l-art li mhijiex taghhom, huma kjarament ma kienux in buona fede, stante li huma kienu jafu li kienu dahhlu abbuzivament fuq art ta' haddiehor. Ghalhekk f' dan il-kaz, ir-rekwizit tal-buona fede jirrizulta mankanti; liema fatt jirrendi napplikabbli l-artikolu 571.

In fine, dwar il-pretensjoni ta' l-attur li, gjaladarba z-zwieg gie dikjarat null, allura l-komunjoni ta' l-akkwisti ma tezistix bir-rizultat li l-art koncessa lilu fiz-zwieg tappartjeni kollha lilu, il-Qorti, filwaqt li tiskarta din it-tezi, taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-perit legali fir-rigward.

*Assenjazzjoni*

Illi fir-rigward il-Qorti b' referenza ghal dak li jiddisponi l-artikolu 55A fil-paragrafu [c] tosserva li l-bejgh tal-Villa Belvedere, li fiha ghadha tabita l-konvenuta, huwa kontro-indikat; u ghalhekk il-Qorti qed tassenja lill-konvenuta nofs is-sehem ta' l-attur fl-istess fond b' mod li l-fond jigi jappartjeni lilha fl-intier tieghu.

Minn naha tieghu l-attur qed jigi kumpensat bis-somma ta' **mitejn tlieta u tletin elf ewro [233,000]** li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur. Fil-komputazzjoni ta' dan l-ammont il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

---

[27] Vol.4 – fol.734

[28] Vol.2 – fols.286-287

[1] li l-villa setghet tinbena biss bis-sahha tad-donazzjonijiet sostanzjali maghmula lill-konvenuta minn missierha ghal dan l-iskop; wkoll bil-hidma tal-konvenuta u ta' ommha;

[2] li s-sehem ta' l-attur fil-kostruzzjoni tal-villa, ma jirrizultax car mill-provi, ghalkemm jirrizulta zgur li hu kien imur fuq il-post sabiex jara li l-affarijiet isiru skond kif ried hu.

[3] li pero' l-attur ghandu in emfitewsi perpetwa nofs indiviz tal-art li fuqha nbniet il-villa;

[4 li, l-attur huwa l-parti unikament hatja ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg.

Il-Qorti tordna wkoll li bit-trasferiment ta' sehemu mill-Villa, l-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu bhala saldati, u ghalhekk mhu dovut mill-attur ebda hlas ulterjuri f' dan ir-rigward. Jibqa' ferm pero' dak dovut lill-konvenuta mill-attur that is-sezzjoni hawn that intestata "Mobbli – Komunjoni – Parafernali".

**[2]** L-inkwilinat tal-Hanut **"Connoisseur**" 54 Triq l-Ifran Valletta, komplizi stocks, avvjament u depositi, tal-valur ta' LM25,000 [illum €58,234 ] – il-Qorti tordna li dan jigi assenjat lill-konvenuta; filwaqt li dwar l-inikwilinat tal-Hanut **"Dlise**" 117 Triq l-Ifran Valletta, komprizi stocks, avvjament u depoziti tal-valur ta' LM15,000 – il-Qorti tordna li dan jigi assenjat lill-attur.

Dwar id-differenza fil-valuri ta' dawn l-inkwilinati u mobbli, il-Qorti hi tal-fehema li m' ghandu jithallas ebda ekwiparazzjoni stante li, kif ammess miz-zewg partijet, omm il-konvenuta, matul iz-zwieg, kienet tat diversi oggetti lill-attur biex jibda n-negozju, u ghalhekk l-ekwiparazzjoni hi kompensata b' dan il-fatt pacifikament akkolt.

**[3] Depozitu bankarju** fl-ammont ta' LM40,290 [illum €93,850 ] mal-Bank HSBC – il-bilanc ezistenti ghandu,

flimkien mal-imghaxijiet, jinqasam b’ mod ugwali bejn il-partijiet.

Illi rigward l-ishma f’ isem il-konvenuta fis-socjeta’ Front Holdings Limited, il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali, li dawn huma parafernali tal-konvenuta.

**Krediti Parafernali**
*Donazzjonijiet*
Illi wara li missier il-konvenuta kkonceda l-art lill-partijiet, il-genituri taghha taw lill-konvenuta somom sostanzjali ta’ flus biex tiffinanzja l-bini tad-dar konjugali li l-partijiet kellhom jibnu fuq dik l-art.

Dawn id-donazzjonijiet jirrizultaw minn zewg kuntratti pubblici li saru fl-10 ta’ April 1996 u fit-22 ta’ Novembru 1996 f’ zewg ammonti ta’ LM20,000 [illum €46,587 ] il-wiehed; u saru donazzjonijiet ohra komplessivament fl-ammont ta’ LM142,933 kif jirrizulta mill-kuntratt ppubblikat fl-20 ta’ Novembru 2002. Fil-komputazzjoni ta’ dan l-ahhar ammont id-donaturi naqsu s-somma ta’ LM26,000 [illum €60,564 ] li kienet ntuzat biex thallsu x-xogholijiet li saru fuq l-art proprjeta’ ta’ missier il-konvenuta, invaza abuzivament mill-partijiet. Ghalhekk il-valur komplessiv ta’ dawn id-donazzjonijiet jammonta ghal **LM182,933 [illum €426,119 ].**

Il-kontestazzjoni fir-rigward hija fis-sens li, filwaqt li l-konvenuta issostni li l-flus kienu gew moghtija in donazzjoni lilha, u allura huma parafernali taghha; l-attur jghid li l-flus gew donati liz-zewg partijiet sabiex jibnu d-dar matrimonjali taghhom.

Il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

[1] Illi l-ewwel zewg donazzjonijiet saru fiz-zmien tal-kostruzzjoni b’ delega li l-flus jithallsu direttament lill-kuntratturi. F’ dawn il-kuntratti hija l-konvenuta li tidher bhala d-donatarju; u l-Qorti tosserva li kieku d-donant ried li jaghmel id-donazzjoni liz-zewg partijiet ma kienx hemm xejn milli jzommu milli jaghmel hekk u jinkludi ismu wkoll fil-kuntratti, kif del resto ghamel fil-kuntratt tal-koncessjoni

emfitewtika; inoltre, fiz-zmien li saru dawn id-donazzjonijiet, l-attur accetta din is-sitwazzjoni.

[2] Illi l-fatt li l-flus gew donati lill-konvenuta biex tibni d-dar konjugali proprjeta’ tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, ma jimmiltax kontra t-tezi taghha li l-flus gew donati lilha biss, ghax apparti minn dak li jirrizulta mill-atti pubblici, huwa inverosimili li l-genituri tal-konvenuta riedu jiddonaw liz-zewg partijiet dawn is-sommom sostanzjali ta’ flus, u hija izjed verosimili t-tezi li dawn iddonawhom lil binthom proprju biex din ikollha dawn il-krediti parafernali taghha.

[3] Ix-xhieda ta’ missier il-konvenuta taghti konfort lil din it-tezi.

Ferm il-premess, il-Qorti taccetta l-konkluzjoni tal-perit legali li fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, il-konvenuta ghandha kreditu parafernali kontra l-istess komunjoni fl-ammont fuq indikat ta’ LM182,933 [illum €426,119 ].

Illi, oltre din is-somma hemm is-somma ta’ **LM25,646.88 [illum €62,070.53 ]** donati lill-konvenuta mill-genituri taghha sabiex tixtri effetti mobbli li tpoggew fil-Villa Belvedere, u li jinsabu elenkati fl-appendici D[29] tal-kuntratt relattiv. Dan jirrizulta mill-kuntratt datat 20 ta’ Novembru 2002 u kkonfermat bil-gurament minn missier il-konvenuta.

*Rikavat – 22-24 St.Julian’s Hill, St.Julians*

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li fiz-zmien li l-partijiet kienu qed jahsbu ghall-kostruzzjoni tal-Villa Belvedere, li l-art taghha giet akkwistata minnhom fis-26 ta’ Gunju 1991, il-partijiet ikkoncedew lis-socjeta’ Portico Developments Limited b’ titolu ta’ enfitewsi perpetwa l-fond fuq indikat versu c-cens Dwu ta’ LM1,700[30] [illum €3960 ], hlas ta’ LM10,000[31] [illum €23,294 ], u l-obbligu da parti ta’ l-akkwirenti li fi zmien xahar tifdi c-cens bil-

29 Vol.1 – fols.155-156
30 Li ma rrizultax li thallas fuq il-kuntratt
31 Li rrizulta li thallas fuq il-kuntratt

kapitalizzazzjoni ta’ 5%, u fin-nuqqas, il-koncessjonarji jkollhom id-dritt li jxolju ipso facto u ipso jure l-koncessjoni.

Illi dan il-fond kien gie moghti lill-konvenuta minn missierha b’ donazzjoni permezz ta’ kuntratt ippublikat fis-7 ta’ Novembru 1986.

Illi l-konvenuta ssostni li din id-dar kienet inbieghet, fuq pressjoni ta’ l-attur, sabiex il-partijiet jiffinanzjaw il-kostruzzjoni tal-Villa Belvedere; filwaqt li l-attur jghid li l-konvenuta kienet berbqet ir-rikavat fil-kors tas-snin u m’ ghandux jigi ritenut li l-komunjoni tirrifondi flus li martu nefqet u sparpaljat matul iz-zwieg, u wkoll ma hemm ebda prova li c-cens fil-fatt kien gie mifdi u r-rikavat ta’ LM34,000 [illum €79,199 ] gie effettivament percepit mill-partijiet.

Illi fir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi l-ammont ta’ LM34,000 [illum €79,199 ] jirrapprezenta l-prezz tal-fidi tac-cens, bil-5%, li flimkien mas-somma ta’ LM10,000[32] [illum €23,294 ] iwassal ghall-ammont globali ta’ LM44,000 [illum €102,492 ];

[2] Illi ma hemm xejn x’ jindika mill-provi li l-akkwirenti ma’ ottemperawx ruhhom ma’ l-obbligi kontrattwali taghhom;

[3] Illi, u din hi l-akbar konsiderazzjoni, l-iskop tal-bejgh kien proprju sabiex il-partijiet jkunu fil-pozizzjoni li jiffinanzjaw, almenu, in parte, il-kostruzzjoni tal-Villa, liema Villa fil-fatt kienet giet kostruwita; u ghalhekk, fuq bilanc ta’ probabbilitajiet u verosimiljanza l-Qorti taccetta bhala veritier il-fatt li dan ir-rikavat gie fil-fatt impjegat sabiex jithallsu l-ispejjez inizjali tal-kostruzzjoni tal-Villa.

[4] Illi l-attur ma cahadx li dan ir-rikavat kien gie percepit, anzi isostni li *“martu effettivament berbqet ir-rikavat fil-kors tas-snin … matul iz-zwieg.”*[33] Inoltre, fin-nota

[32] Din is-somma thallas mal-kuntratt kontra ricevuta.
[33] Vol.4 – fol.977

guramentata tieghu l-attur jghid: *"Illi r-rikavat tal-bejgh tad-dar ta' San Giljan gie nvestit fil-kostruzzjoni tal-Villa Belvedere."*[34]

In vista tal-premess, il-Qorti tikkonsidera bhala valida l-pretensjoni tal-konvenuta li hi ghandha kreditu parafernali fil-konfront tal-komunjoni fl-ammont ta' **LM44,000 [illum €102,492 ].**

**[3] Mobbli – Komunjoni - Parafernali**
Illi man-nota guramentata taghha, il-konvenuta prezentat disa' listi li fihom elenkat l-oggetti mobbli li huma parafernali taghha, inkluzi effetti mobbli mislufa lilha mill-genituri taghha, u wkoll mobbli appartenenti lilha. Dawn il-list huma markati bhala Doks.JDG1, JDG5, JDG6 sa JDG7 u JDG9, u jikkontjenu s-segwenti mobbli: Kopja taghhom qed tigi Dessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess.

Dok.JDG1[35] jelenka lista ta' effetti mobbli akkwistati matul iz-zwieg u allura formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, [Appendici B];

Dok.JDG5[36] jelenka lista ta'oggetti donati lill-konvenuta mill-genituri taghha jew membri ohra tal-familja taghha, u li, skond il-konvenuta, dawn imbieghu jew gew skambjati minn A minghajr il-kunsens tal-konvenuta [Appendici C];

Dok.JDG6[37] jelenka lista ta' oggetti donati lill-konvenuta mill-genituri taghha, u li jinsabu fil-Villa Belveder [Appendici D];

Dok.JDG7[38] jelenka lista ta' oggetti mislufa lill-konvenuta mill-genituri taghha, u li jinsabu fil-Villa Belveder [Appendici E];

---
[34] Vol.1 – fol.207
[35] Vol.1 – Fol.131-132
[36] Vol.1 – Fol.157
[37] Vol.1 – Fol.158
[38] Vol.1 – Fol.159-160

Dok.JDG9[39] jelenka lista ta' oggetti donati jew msilufa lill-konvenuta mill-ġenituri tagħha [Appendici F];

Illi fl-affidavit tiegħu, missier il-konvenuta kkonferma l-listi Dok.JDG5, JDG6, JDG7 u l-partita 4 tad-Dok.JDG9. Huwa kkonferma wkoll li l-gradenza maltija nterzjata u li tidher fuq ir-ritratt a fol.141 tal-process giet donata lill-konvenuta mill-ġenituri tagħha.

Minn naħa tiegħu, l-attur prezenta nota fejn sostna li l-għamara kollha elenkata fl-imsemmija dokumenti JDG5 u JDG6 jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Inoltre, jgħid li *"fir-rigward il-parti kbira ta'l-għamara l-konvenuta stess iddikjarat fl-affidavit tagħha 'il-mama bdiet tagħtih ħafna affarijiet antiki tal-familja tagħna biex ibigħhom ħalli tgħinu jibda dan il-business."*[40] B' nota guramentata[41] jgħid li rigward id-dokument JDG1, filwaqt li l-partita numru 1 [bureau] ma jifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, izda jappartjeni lit-tifla l-kbira tagħhom, l-kumplament ta' l-oggetti kienu gew akkwistati u nbiegħu [minnu] fil-kors tal-gestjoni tal-ħanut.

Il-Qorti tosserva fir-rigward li l-konvenuta fl-istess affidavit qalet ukoll li *"lejn l-aħħar ta' kull xahar [l-attur] kien jara x' jivvinta biex jaqbad xi ħaġa minn tiegħi u jmur ibigħha. Peress li kien ikun jaf li jien ma kontx inkun irrid inbigħ jew kien jgħidli li ser jieħu xi oggett [mobbli] għat-tiswija u mbagħad ma nergax naraha, jew ma kien jgħidli xejn u nsib l-affarijit nieqsa. Kien hemm ħafna affarijiet minn tiegħi u qabad u partat ma' affarijiet oħra."*[42]

L-attur prezenta lista markata Dok.X[43] li fiha elenka dawk l-oggetti li huma tal-komunjoni ta' l-akkwisti; izda f' affidavit[44] risponsiv, missier il-konvenuta spjega li l-oggetti hemm indikati kienu gew donati minnu lill-konvenuta, salv għall-partita 8 [Furniture], u l-partita 5 [Paintings] li jsostni li huma proprjeta' tiegħu; u semma wkoll skrivanija antika

[39] Vol.1 – Fol.165
[40] Vol.1 - Fol.210
[41] Vol.2 – Fol.525
[42] Vol.1 – Fol.174
[43] Vol.2 – Fol.381
[44] Vol.2 – Fol.384

li tappartjeni lilu u li hu kien silef lill-partijiet biex titpogga fil-hanut "Connoisseur". Kopja tad-dokument X qed tigi Dessa mal-gudizzju odjern [Appendici G].

Illi fir-rapport tieghu, il-perit stimatur nominat mill-Qorti biex jaghmel stima ta' l-oggetti elenkati fl-imsemmija listi, ghamel stima ta' l-oggetti ndikati fid-Doki.X, JDG6, JDG7 u EDG1; kif ukoll ghamel stima ta' dawk l-oggetti, li ghalkemm indikati fil-listi JDG1 u listi ohra prezentati mill-konvenuta, ma nstabux. Kopja ta' dawn l-istimi qed jigu Dessi mal-gudizzju odjern sabiex jifformaw parti ntegrali mill-istess [Appendici H][45]

Illi fir-rigward tal-effetti mobbli, kemm dawk formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll dawk parafernali tal-konvenuta, u dawk appartenenti lill-genituri taghha, il-Qorti taghti affidament lill-verzjoni tal- fatti moghtija mill-konvenuta u mix-xhieda taghha, inkluzi l-listi prezentati minnha, stante li huma aktar konfacenti mal-provi.

Il-Qorti, fliet sew il-provi mressqa, u tosserva li jirrizulta car li l-genituri tal-konvenuta kienu generuzi hafna fl-ghajnuna moghtija lill-konvenuta u anke lill-attur, tant li omm il-konvenuta kienet taghti oggetti antiki minn taghha lill-partijiet bil-ghan li tghin lill-attur fit-twaqqif tan-negozju taghhom; filwaqt li missier il-konvenuta kien ghen b'donazzjonijet sostanzjali ta' flus lill-konvenuta sabiex tinbena d-dar konjugali, u wkoll kien jghin lill-konvenuta fil-hlas tal-kontijiet kwotidjani peress li l-attur kien ihalli lil martu nieqsa mill-flus, tant li kien ikollha tirrikorri ghad-dejn man-nies.[46]; u dan apparti milli kien taha il-fond ta' San Giljan.

Minn naha tieghu l-attur ftit li xejn wera l-apprezzament tieghu ghal din l-ghajnuna, tant li, apparti minn konsiderazzjonijt ohra, huwa kien jiehu l-oggetti li l-genituri taghha kienu jiddonaw lill-konvenuta ghall-godiment taghha, u ibighhom fil-hanut, u dan kontra r-rieda

[45] Vol.2 – Fols.495, 496, 497 u 498
[46] Vol.3 – Dep. Mary Deguara – Fol.671

espressa ta' martu li kienet marbuta sentimentalment ma' uhud minnhom.

*Assenjazzjoni*
Ferm il-premess il-Qorti:
[1] tordna li l-attur ihallas lill-konvenuta nofs il-valur ta' l-oggetti ndikati fil-lista JDG1 mill-partita tnejn [2] sal-partita [21], filwaqt li l-bureau book-case indikat fil-partita [1] jibqa' fil-pussess tal-konvenuta, sabiex jinghata lit-tifla D.

Il-valur ta' l-oggetti minn [2] sa [21] qed jigi kalkolat minn din il-Qorti, in parte fuq l-istima[47] prezentata mill-istimatur, u in parte *arbitrio boni viri*, fl-ammont komplessiv ta' LM35,000 [illum €81,528 ], li minnhom irid jitnaqqas l-ammont ta' LM1,500 [illum €3494 ], u nofs il-bilanc ta' LM33,500 [illum €78,034 ]jigi mhallas lill-konvenuta mill-attur. B' hekk l-attur hu ordnat ihallas lill-konvenuta s-somma ta' **LM16,750 [illum €39,017 ]** sehemha minn dawn l-oggetti li jew qedin fil-pussess tieghu u allura qedin jigu assenjati lilu, jew bighhom as insaputa tal-konvenuta.

[2] tordna li l-attur ihallas lill-konvenuta l-valur ta' l-oggetti ndikati fil-lista JDG5 skond l-istimi Dessi;

[3] tiddidkjara li l-oggetti elenakti fil-lista JDG6 huma proprjeta' parafernali tal-konvenuta;

[4] tiddikjara li l-oggetti elenkati fil-lista JDG7 ma jappartjenux lill-partijiet, izda lill-genituri tal-konvenuta;

[5] tordna li l-attur jikkonsenja lill-konvenuta fi zmien hmistax l-oggetti ndikati fil-lista JDG9, salv ghall-oggett indikat fil-partita [4] li jappartjeni lill-missier il-konvenuta; u fin-nuqqas, ihallas lill-konvenuta l-valur taghhom skond l-istima tal-perit stimatur.

[6] tiddidkjara li l-oggetti ndikati fid-dokument X taht il-partita [8] [Furniture] u that il-partita [5] [Paintings] u ukoll l-oggett indikat that il-partita 4 tad-dok.JDG9 ma jappartjenux lill-partijiet izda lill-missier il-konvenuta

---
[47] Lista ta' oggetti ndikati 'ta matul iz-zwieg'.

Illi rigward ir-rapport tal-perit stimatur, il-Qorti, b’ referenza ghall-istimi mehudin minn fuq ir-ritratti, u li l-attur qed jopponi ghalihom, tosserva li, ghalkemm huwa minnu li r-ritratti ntwerew lill-istimatur mhux fil-prezenza ta’ l-attur, u wara li dan kien gja pprezenta r-rapport tieghu, u ghalkemm l-attur jitfa’ dubju dwar kemm l-istimatur seta’ jasal ghall-stima fuq dawk ir-ritratti, il-Qorti tosserva:

[1] li hi m’ ghandhiex l-gharfien tekniku adegwat sabiex tiddeciedi jekk l-istimatur setghax jasal ghall-stimi minn fuq ir-ritratti murija minnu, izda l-istimatur, li kien diga’ mqabbad bhala espert minn din il-Qorti, jghid fix-xhieda tieghu li hija haga komuni fil-linja tax-xoghol taghhom li jaghtu stima minn fuq ritratti; ghalkemm f’ dawn il-kazijiet l-istimatur jimxi fuq valutazzjoni “baxxa kemm jista’ jkun.”[48];

[2] li l-Qorti ghandha quddiemha, bhala element ta’ prova, stima ta’ oggetti elenkati mill-konvenuta fin-nota guramentata taghha, maghmula minn persuna li din il-Qorti kienet diga’ qabdet bhala espert biex jaghmel stimi ta’ dawn l-oggetti, u ghalhekk m’ ghandhiex dubju dwar il-kompetenza tieghu fil-materja.

[3] inoltre, li kieku l-attur ried jikkontesta serjament din il-prova, huwa facilment seta’ talab nomina ta’ espert iehor, biex jezamina r-ritratti esebiti u jaghmel ir-rapport tieghu fir-rigward; izda dan ma sarx minn naha ta’ l-attur, u ghalhekk il-Qorti qed taccetta l-istimi maghmula minn fuq ir-ritratti, ghalkemm fl-ammont minimu ndikat.

**Kumpens – Manteniment – Minuri u Konvenuta**

Illi l-pretensjoni ta’ l-attur li l-konvenuta ghandha thallsu kumpens ghaz-zmien li t-tfal, allura minuri, kienu qed jghixu mieghu a spejjez tieghu, u l-pretensjoni tal-konvenuta li l-attur kellu jhallas manteniment ghaliha wara s-separazzjoni de facto, stante li hi ma kinitx fil-pozizzjoni li tohrog tahdem sforz l-effetti fuqha tas-separazzjoni. Dawn il-pretensjonijet jikkompensaw lil xulxin.

---

[48] Vol.4 – Fol.947 et seq.

**Kap ta' l-Ispejjez**
Illi skond id-decizjonijiet tat-tribunali ekklesjastici li b' digriet tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell moghti fil-mori ta' dawn il-proceduri fl-14 ta' Dicembru 2007 inghataw effetti civili, il-Qorti tosserva li l-inkwiet matrimonjali kien dovut unikament ghan-nuqqasijiet da parti ta' l-attur, li mhux biss wasslu ghat-tkissir taz-zwieg, izda sahansitra biex iz-zwieg jigi dikjarat null bi htija tieghu. Inoltre, din il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni ta' htija da parti ta' l-attur ghas-separazzjoni bejn il-partjiet.

Ghalhekk gjaladarba kien dan l-inkwiet matrimonjali li wassal sabiex jigu stitwiti l-proceduri odjerni, l-ispejjez kollha ghandhom jkunu a kariku tal-konvenut.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tastjeni milli tippronunzja s-separazzjoni personali, stante li z-zwieg illum jinsab Dullat;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li llum t-tfal huma maggjorenni;
[3] tilqa' t-tielet talba;
[4] tilqa' raba talba,u tillikwida l-komujoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjonijiet ntestati **"Komunjoni ta' l-Akkwisti"** u **"Krediti Parafernali"**.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------